MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (KOMPETENZA KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2003

Rikors Numru. 39/2002/1

**Edmond Mugliette**

**Vs**

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

**Rikors ta' Edmond Mugliette fejn ippremetta:**

1. Illi n-Nutar John Hayman miet fit-23 ta' April, 2001, meta kien ghadu jesercita l-professjoni tieghu nutarili. L-istess Nutar kien juza bhala ufficcju professjonali diversi postijiet, fosthom kamra interna gewwa l-fond numru 126,

Atocia Street, Hamrun, li huwa proprjeta’ tar-rikorrent Mugliette, u dan minghajr ebda kera jew rabta kuntrattwali billi r-rikorrent u n-Nutar Hayman kienu hbieb;

2. Illi fuq instanza tal-Avukat Generali fit-13 ta’ Gunju, 2001, l-Qorti tar-Revizjoni tal-Atti Nutarili harget diversi digrieti sabiex l-atti nutarili tal-mejjet Nutar Hayman jigu konservati;

3. Illi b’digriet taghha tal-31 ta’ Ottubru, l-Qorti tar-Revizjoni nnominat provissorjament lin-Nutar Principal tal-Gvern u Konservatur tal-Arkivji Nutarili bhala konservatur tal-atti nutarili tal-istess Nutar Hayman u ordnat Is-sigillar tal-kamra interna li kienet tintuza mill-istess Nutar Hayman;

4. Illi susegwentement gie mahtur b’digriet iehor tat-18 ta’ Dicembru, 2001, lill-Prokuratur Legali Paul Saliba bhala inventarjant tal-atti tal-istess Nutar Hayman u wara ftit zmien beda jzomm accessi fl-istess fond f’Atocia Strret, Hamrun, fond tar-rikorrenti;

5. Illi beda jirrizulta illi x-oghol ta’ inventarjant ma kienx se jkun ta’ ftit accessi izda bdew ikunu tant spissi illi r-rikorrent hass illi kellhom isiru arrangamenti sabiex l-atti tan-Nutar jittiehdu barra mill-proprjeta’ tieghu u jigu mizmuma direttament mill-persuni kompetenti u ufficjalment mahtura illi jikkonservaw u jaghmlu dak li kien hemm bzonn;

6. Illi r-rikorrent ukoll, peress illi l-kamra interna hija biss accessibbli mill-bieb ta’ barra sab ruhu kostrett illi jippresta ruhu f’kull hin li kellu jssir access illi jiftah il-fond u jkun prezenti waqt illi l-persuni mahtura mill-Qorti Nutarili jidhlu u joqghodu, u jistenna hemm sakemm jitilqu fl-ghaxija;

7. Illi ghalhekk, l-esponent formalment ipprezenta rikors fil-13 ta’ Frar, 2002 quddiem l-istess Qorti Nutarili sabiex tordna illi dawn l-atti jittiehdu f’post ufficjali u barra mill-propjeta’ privata tieghu sabiex ikun jista’ igawdi l-propjeta’ tieghu u di piu, jigi mehlus mill-obbligu illi jattendi

accessi li fihom ma ghandu ebda interess jew konnessjoni;

8. Illi dan ir-rikors gie notifikat lill-Avukat Generali li b'risposta datata 8 ta' Marzu, 2002, ma opponiex ghal din it-talba. Illi lanqas ma kien opposizzjoni da parti tal-Prokuratur Legali Paul Saliba fir-risposta tieghu tat-12 ta' Marzu, 2002;

9. Illi lanqas in-Nutar Principali tal-Gvern ma oppona ghat-talba fir-risposta tieghu tal-11 ta' April, 2002, izda ddikjara illi d-Dipartiment tieghu *"ma kellux post"* fejn jqieghed dawn l-atti u illi kien qed jaghmel kull sforz illi jlesti kamra izda dan kien jinvolvi xoghol ta' mhux anqas ta' tlett xhur;

10. Illi b'digriet taghha tal-24 ta' April, 2002, il-Qorti Nutarili cahdet it-talba tar-rikorrent u oltre ordnat lir-rikorrent illi jibqa' marbut illi jiftah il-bieb u joqghod mal-fond tieghu waqt l-accesii u jerga jkun responsabbli ghall-integrita' tal-istess sigillar tal-kamra interna;

11. Illi jidher illi l-fatt li l-Gvern ma kienx kapaci illi jipprovdi kamra fost il-bini pubbliku kollu li ghandu f'idejh, u nonostante r-risorsi umani u finanzjarji pubblici li ghandu, jfisser illi l-esponent kien obbligat illi jaghmel tajjeb flok il-Gvern;

12. Illi l-esponent rega' ghamel rikors quddiem il-Qorti Nutarili fejn talab mill-gdid illi tikkunsidra illi l-imsemmi digriet taghha kienu issa qeghdin jammontaw ghall-effett illi kemm il-propjeta' tieghu kienet tigi espropriata minghajr proceduri jew forma ta' kumpens, u anki l-liberta' personali tieghu kienet qed tigi ristretta b'mod illi gie ordnat illi jkun responsabbli personalment kemm ghall-attendenza bhala purtinar u kemm bhala persuna responsabbli ghall-integrita' tas-sigillar tal-kamra interna u l-atti li thallew gew fiha;

13. Illi l-esponent gie mgharraf illi t-tieni rikors tieghu ukoll gie michud u jekk ma jkomplix jattendi mal-bieb tal-fond 126, Atocia Street, Hamrun, meta l-accessi numeruzi

u spissi ghandhom isiru, huwa kien qieghed jiffaccja posizzjoni fejn jesponi ruhu ghad-disprezz tal-Qorti Nutarili;

14. Illi finalment fid-19 ta’ Settembru, 2002, l-Prokuratur Legali Paul Saliba u n-Nutar Principali tal-Gvern hadu l-karti kollha notarili li kienu jappartjenu lill-mejjet Nutar John Hayman mill-kamra in kwistjoni, izda din il-kamra, issa vojta, baqghet issigillata mill-istess Prokuratur Legali Paul Saliba u n-Nutar Principali tal-Gvern, li ftit granet wara talbu direttiva mill-Qorti Nutarili;

15. Illi issa l-istess Qorti Nutarili qeghda tirrifjuta tirrilaxxja l-istess kamra li baqghet bis-sigill taghha, avolja l-esponent ippresenta protest formali lill-intimat li ghalih l-intimat ma taha ebda risposta;

16. Illi dawn l-arragamenti tal-Qorti Nutarili, ordnati b’forza tal-ligi u awtorita’ gudizzjarja, ivjolaw id-drittijiet fundamentali tal-esponent prottetti skond il-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni tal-Ewropa u cioe dawk dwar l-espropriazzjoni arbitru u bla kumpens adegwat tal-propjeta’ privata, u dwar c-cahda tal-liberta’ personali tac-cittadin u dwar l-imposizzjoni ta’ xoghol sfurzat, degradenti u inhuman;

17. Illi qeghdin jigu miksura d-drittijiet fondamentali tal-esponent billi giet issekwestrata l-propjeta’ tal-esponent, u ukoll il-liberta’ kwotidiana personali tieghu;

Ghaldaqstant r-rikorrent jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti, prevja kull provediment necessarju jew opportun –

a) tiddikjara illi d-digriet tal-Qorti tar-Revizjoni tal-Atti Nutarili u l-effetti taghhom, jammontaw ghall-agir da parti tal-intimat bhala agir li jivjola d-drittijiet tar-rikorrenti salvagwardjati mill-Artikolu 34, 35, 37 u 44 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-Artikolu simili tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali;

b) tordna sabiex dan l-agir ta’ espropriazzjoni illegali tal-propjeta’ privata da parti tal-intimat tieqaf minnufih, u li l-kamra u l-bieb taghha jergghu jitqieghdu fi stat pristin taghhom, u fil-pussess tal-esponent, u taghti kwalunkwe rimedju iehor supplementarju, inkluz kumpens, jew rimedju iehor kontemplat mill-istess Kostituzzjoni skond l-Artikolu 46 taghha, jew mill-Konvenzjoni Ewropeja;

c) bl-ispejjez kontra l-imtimat, inkluz dawk tal-protest gudizzjarju presentat fil-10 ta’ Ottubru, 2002.

**Rat ir-risposta tal-konvenut**

Illi l-fatti tal-kaz odjern, anke kif prezentat mir-rikorrent stess, ma jipprezentaw l-ebda apparenza ta’ kaz ta’ vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali ghall-protezzjoni minn xoghol furzat (Art 35 tal-Kostituzzjoni), ghal protezzjoni minn arrest arbitarju (Art 34 tal-Kostituzzjoni u Art 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja) trattament inuman jew degradanti (Art 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja u Art 36 tal-Kostitzzjoni) jew ghall-propjeta’ (Art 37 tal-Kostituzzjoni u Art 1 ta’ l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja).

Illi huwa car illi d-decizjonijiet tal-Qorti tar-Revizjoni ta’ l-Atti Nutarili huma l-konsegwenza diretta ta’ attivita’ professjonali ezercitata fil-propjeta’ tar-rikorrent bil-kunsens tieghu u illi dik l-attivita tat lok ghall-kontroll ta’ l-uzu ta’ dik il-propjeta’ skond il-ligi u fl-interess generali u ghal zmien limitat fil-forma tal-passi li l-Qorti kellha tiehu ghall-inventarjar ta’ diversi atti Notarili u ghall-protezzjoni tal-pubbliku u ghall-protezzjoni tac-certezza fl-imsemmija proceduri gudizzjarji.

Illi dak li jista qieghed jigi imgieghel jaghmel ir-rikorrent huma parti mid-doveri civili ordinarji tieghu f’socjeta’ demokratika u ma jikkostitwixxi bl-ebda mod ksur ta’ drittijiet u, wisq inqas ta’ drittijiet fondamentali.

Ghaldaqstant l-esponent jopponi t-talbiet tar-rikorrent.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill-Avukati difensuri;

**FATTI**

Illi l-fatti li taw lok ghal dana r-rikors huma s-segwenti.

In-Nutar John Hayman miet fit-23 ta' April, 2001. L-istess Nutar kien juza bhala ufficcju professjonali tieghu diversi postijiet, fosthom kamra interna f'126, Atocia Street, Hamrun, proprjeta' tar-rikorrent;

Fit-13 ta' Gunju, 2001, il-Qorti tar-Revizjoni tal-Atti Nutarili harget diversi digrieti sabiex l-atti nutarili tal-mejjet Nutar Hayman jigu konservati;

Fil 31 ta' Ottubru, 2001, il-Qorti tar-Revizjoni nnominat provissorjament lin-Nutar Principal tal-Gvern u Konservatur tal-Arkivji Nutarili bhala konservatur tal-atti nutarili tal-istess Nutar Hayman u ordnat s-sigillar tal-kamra interna li kienet tintuza mill-istess Nutar Hayman.

Fil-18 ta' Dicembru, 2001, lill-Prokuratur Legali Paul Saliba gie nominat bhala inventarjant tal-atti tal-istess Nutar Hayman u wara ftit zmien beda jzomm accessi fl-istess fond f'Atocia Strret, Hamrun, il-fond tar-rikorrenti;

Billi l-accessi bdew isiru spissi r-rikorrent hass illi kellhom isiru arrangamenti sabiex l-atti tan-Nutar jittiehdu barra mill-proprjeta' tieghu. Billi l-kamra interna hija accessibbli biss mill-bieb ta' barra, r-rikorrent sab ruhu kostrett illi jippresta ruhu f'kull hin li kellu issir access li jiftah il-fond u jkun prezenti waqt illi l-persuni mahtura mill-Qorti Nutarili jidhlu u joqghod jistenna hemm sakemm jitilqu;

Fil-13 ta' Frar, 2002 ir-rikorrenti ghamel talba quddiem il-Qorti Nutarili sabiex tordna illi dawn l-atti jittiehdu f'post ufficjali u barra mill-proprjeta' privata tieghu sabiex ikun

jista' igawdi l-proprjeta' tieghu u di piu, jigi mehlus mill-obbligu illi jattendi accessi li fihom hu ma ghandu ebda interess jew konnessjoni;

Fit-8 ta' Marzu, 2002 l-Avukat Generali ma opponiex ghal din it-talba.

Fit-12 ta' Marzu, 2002 l-Prokuratur Legali Paul Saliba fir-risposta tieghu ma opponiex ghal dina t-talba.

Fil-11 ta' April, 2002 in-Nutar Principali tal-Gvern ma opponiex ghat-talba ghalkemm fir-risposta tieghu ddikjara illi d-Dipartiment tieghu *"ma kellux post"* fejn jqieghed dawn l-atti.

B'digriet tal-24 ta' April, 2002, il-Qorti Nutarili cahdet it-talba tar-rikorrent.

Ir-rikorrent rega' ghamel rikors quddiem il-Qorti Nutarili fejn talab mill-gdid illi tikkunsidra illi l-imsemmi digriet taghha pero' hu gie mgharraf illi t-tieni rikors tieghu ukoll gie michud.

Fid-19 ta' Settembru, 2002, l-Prokuratur Legali Paul Saliba u n-Nutar Principali tal-Gvern hadu l-karti kollha notarili li kienu jappartjenu lill-mejjet Nutar John Hayman mill-kamra in kwistjoni, izda din il-kamra, issa vojta, baqghet issigillata mill-istess Prokuratur Legali Paul Saliba u n-Nutar Principali tal-Gvern, li ftit granet wara talbu direttiva mill-Qorti Nutarili liema direttiva ma nghatatx.

Illi issa l-istess Qorti Nutarili qeghda tirrifjuta tirrilaxxja l-istess kamra li baqghet bis-sigill taghha.

Sar protest mir-rikorrent imbaghad gie prezentat dana r-rikors.

**KONTESTAZZJONI**

Ir-rikorrent qed jitlob li jigi dikjarat li d-digriet tal-Qorti tar-Revizjoni tal-Atti Nutarili jivjola d-drittijiet tieghu salvagwardjati mill-Artikolu 34, 35, 37 u 44 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikoli simili tal-Konvenzjoni Ewropeja;

U tordna li dan l-agir ta' espropriazzjoni illegali tal-proprjeta' privata da parti tal-intimat tieqaf minnufih, u li l-kamra u l-bieb taghha jergghu jitqieghdu fi stat pristinu taghhom,

L-intimati qed jeccepixxu li l-fatti ma jipprezentaw l-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali ghall-protezzjoni minn xoghol furzat (Art 35 tal-Kostituzzjoni), ghal protezzjoni minn arrest arbitrarju (Art 34 tal-Kostituzzjoni u Art 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja) trattament inuman jew degradanti (Art 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja u Art 36 tal-Kostitzzjoni) jew ghall-proprjeta' (Art 37 tal-Kostituzzjoni u Art 1 ta' l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja).

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-artikoli li saret riferenza ghalihom fir-rikors promotorju huma:

Art 34 tal-Kostituzzjoni  dwar Protezzjoni minn arrest jew detenzjoni arbitrarja u Art 44 dwar  Protezzjoni ta' liberta' ta' moviment.  Dan b'riferenza ghall Art 5 tal- Kap 319.

L-Art 35  - Protezzjoni minn xoghol furzat b'referenza ghal Artikoklu 4 tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kap 319),

Art 37 - Protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjeta' minghajr kumpens b'referenza ghal Art  1 tal Protocol 1 tal Konvenzjoni Ewropeja.

Tikkunsidra

**"Xoghol forzat jew obbligatorju"**

Illi l-intimati qed jeccepixxu li dak li gie mgieghel jaghmel ir-rikorrent kien parti mid-doveri civili ordinarji tieghu

f'socjeta' demokratika. L-intimati qed jirreferu specifikatament ghall:

Art 4 tal-Konvenzjoni Ewropeja Kap 319 (li hu aktar wiesgha mill-artikolu 35 tal-Kostituzzjoni) fejn hemm provdut li

Hadd ma ghandu jkun imgieghel jaghmel xoghol forzat jew obbligatorju.
Ghall-fini ta' dan l-artikolu l-frazi "xoghol forzat jew obbligatorju" ma jinkludix:

(d) xoghol jew servizz li jifforma parti mill-obbligi civici normali.

Definizzjoni ta' xoghol forzat.

Dwar dana l-artikolu l-Qorti taghmel referenza ghad-dottrina fir-rigward:

*The first point to consider in relation to Article 4(2) or (3) is whether the conduct complained of can properly be characterised as "forced labour". In the leading case of Van der Mussele v Belgium, guidance was given on how "forced or compulsory labour" should be defined:*

*"The first of these adjectives brings to mind <u>the idea of physical or</u> mental constraint …. As regards the second adjective, it cannot refer just to any form of legal compulsion or obligation….What has to be is work "exacted…under menace of any penalty'; and also performed against the will of the person concerned, that is work for which he 'has not offered himself voluntarily'"*

*The Court referred to Convention 29 of the International Labour Organisation in arriving at this interpretation of "forced or compulsory labour". The Court acknowledged that " the state of affairs complained of undoubtedly caused… some prejudice" but added that this had " not been shown to be excessive. In the Commission's opinion, in addition to being performed against the individual's will, forced labour " must be either unjust or*

*oppressive or the service itself must constitute an avoidable hardship."*

Certu xoghol li jista' legalment jintalab li jsir, taht certi cirkostanzi ohra jista' jigi kkonsidrat bhala xoghol furzat.

Art 4(3) '*excludes four categories of work or service. Under these sub-paragraphs it would be important to consider whether the work or service required can be show not to be "ordinary" - or "normal" (the term used in relation to civic obligations in sub-paragraph (d). Only if the matters complained of can be demonstrated to depart from European standards will there be any real prospect of a successful complaint under these sub-paragraphs. (Ara: Prohibition of Slavery and forced labour. The 1998 Act and the European Convention by Grosz, Beatson and Duffy. { page 191}.*

**Tikkunsidra**

Fil-kaz in ezami r-rikorrent xehed li kien gie ordnat mill-Qorti ta' Revizjoni li jkun responsabbili personalment ghall-attendenza bhala purtinar u kemm ghall-integrita' tal-kamra interna u ta' l-atti li thallew fiha. Hu kien ikollu jkun prezenti biex jifthilhom biex ikollhom access fuq il-post u jkun prezenti ghax kellu d-dokumenti tieghu wkoll. Kien jibqa' jistteniehom sakemm jispiccaw biex jerga jaghalqilhom. Huma kienu jahdmu tlett sieghat mid-disgha sa nofsinhar, t-Tnejn l-Erbgha u l-Gimgha u baqghu sejrin hekk sa Settembru 2002 ghal sitt xhur shah. Meta rahom li ghandu bdew jahdmu bil-mod u bdew ittelfuh iz-zmien kien qallhom biex jaqbdu l-affarijiet u jehduhom post iehor. Kien jidher li huma kienu ser jiehdu fit-tul hafna. Fil-bidu beda jikkopera maghhom imbaghad ma setghax jissaporti aktar u kellu jaghmel rikors il-Qorti biex jiehdu l-oggetti u lilu jhalluh jiehu l-proprjeta' tieghu lura. Izda l-post ma nghatax lura lilu.

**Tikkunsidra**

Fil-kaz in ezami l-ordni tal-Qorti ta' Revizjoni ta' l-Atti Notarili kienet wahda legali u intiza biex tilhaq skop

legittimu. Skond ic-Chairman l-ordni nharget biex jigu prezervati l-atti tan-Nutar Hayman li kien miet. Inoltre dak li gie ordnat ir-rikorrent li jaghmel kien parti mid-doveri civili tieghu. Li trid tezamina l-Qorti huwa pero' jekk dak li gie ordnat li jaghmel kienx dover civili "ordinarju" jew "normali".

Naturalment ordni bhal din kienet ser iggib xi nkonvenjent jew restrizzjonijiet fuq ir-rikorrent, izda l-Qorti trid tara jekk dawn ir-restrizzjonijiet kienux ingusti jew oppressivi aktar minn kemm wiehed ghandu jistenna u jekk setghux jigu evitati.

Il-Qorti, wara li ezaminat il-provi, tasal ghal konkluzzjoni li bl-ordni moghtija mill-Qorti ta' Revizjoni r-rikorrent bata "physical and mental constraints" aktar minn "normal" jew minn dak li ordinarjament jikkostitwixxi dover civili. Ir-rikorrent, wahdu u dejjem hu, kien marbut ghal sitt xhur u aktar, taht piena ta' disprezz, biex jiftah il-post tieghu u jqieghdu ghad-disposizzjoni tal-Qorti ta' Revizjoni, jattendi u jkun prezenti biex jiftah u jaghlaq generalment mid-disgha sa nofsinhar jew is-siegha u jibqa' hemm hafna mill-hin ukoll ghax kellu l-affarijiet personali tieghu hemmhekk . Inotre hu tghabba bir-responsabilita tas-sigurta' tad-dokumenti tan-Nutar li thallew fil-post tieghu.

Dan id-dover u xoghol gie mitfuh fuq ir-rikorrent kontra l-volonta' tieghu; li hu ma kellux x'jaqsam xejn mieghu, u ma giex assunt minnhu volontarjament (ara kawza Nutar Abela vs Prim Ministru 18 ta' Mejju, 1994.). Ghal bidu r-rikorrent kien jikkopera mal-Qorti ta' Revizjoni u l-membri nominati, izda wara xi zmien, meta x-xoghol beda jiehu z-zmien u beda jipprocedi bil-mod, hu pprotesta biex l-atti jittiehdu post iehor, izda inutilment. Meta fl-ahhar dawn gew rimossi mill-kamra, dina ma nghatatx lura lilu imma baqghet sigillata.

Inoltre l-Qorti tqies li din l-ordni kienet ingusta u oppressiva u ghalhekk mhux normali, billi d-dokumenti jew ix-xoghol fuq dawn id-dokumenti setgha jsir post iehor, u mhux bil-fors fil-post tar-rikorrent. Ghan-nuqqas ta'

haddiehor ma kellux ibati r-rikorrent.  Il-piz ma kellux jintefa fuq ir-rikorrent.

Ghalhekk wara li qieset kollox il-Qorti tikkonkludi li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz ma nzamm fair balance bejn id-drittijiet tar-rikorrent u l-general interest of the community u ghalhekk  dina l-ordni kienet timporta fil-konfront tar-rikorrent xoghol sfurzat.

**Arrest illegali**

Ir-rikorrent qed jillmenta wkoll li taht l-artikolu 35 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5 tal-Konvenjoni Ewropeja l-ordni tal-Qorti ta' Revizjoni kienet qed iccahhadlu l-liberta' personali tieghu.

Dwar dana l-ilment il-Qorti  tirrileva li "*the guarantees  in Article 5 apply only to restrictions on liberty amounting to detention.  Lesser restrictions on freedom of movement, not involving actual detention, fall outside the scope of this article*" (Ara The 1998 Act and the European Convention Grosz et - page 197).

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li dana l-ilment tar-rikorrent m'ghandux bazi legali.

**Esproprjazzjoni arbitrarja u bla kumpens adegwata tal-proprejta privata**

Fir-risposta taghhom l-intimati jkomplu jispjegaw li huwa car illi d-decizjonijiet tal-Qorti tar-Revizjoni ta' l-Atti Nutarili huma l-konsegwenza diretta ta' attivita' professjonali ezercitata fil-proprjeta' tar-rikorrent bil-kunsens tieghu u illi dik l-attivita tat lok ghall-kontroll ta' l-uzu ta' dik il-proprjeta' skond il-ligi u fl-interess generali u ghal zmien limitat fil-forma tal-passi li l-Qorti kellha tiehu ghall-inventarjar ta' diversi atti Notarili u ghall-protezzjoni tal-pubbliku u ghall-protezzjoni tac-certezza fl-imsemmija proceduri gudizzjarji.

Tgawdija pacifika tal- possedimenti

Fl-artikolu 1 tal Protocol 1 insibu li:

*Every natural or legal person is entitled to the peaceful enjoyment of his possessions. No one shall be deprived of his possessions except in the public interest and subject to the conditions provided for by law and by the general principles of international law*.

*The preceding provisions shall not, however, in any way impair the right of a state to enforce such laws as it deems necessary to control the use of property in accordance with the general interest or to secure the payment of taxes or other contributions or penalties.*

Illi skond il-kazistika tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittinjiet tal-Bniedem u skond l-awturi in materja, b'riferenza ghall l-artikolu tal-Protocol 1 japplikaw is-segwenti principji:

*The first rule enounces the principle of peaceful enjoyment of one's possessions.*

*The second rule covers deprivations of possessions subject to certain condtions. (legal; international law;public interest).*

*The third rule recognises that states are entitled to control use of property in accordance with the general interest, by enforcing such laws as they deem necessary for the purpose.*

*If an interference with the peaceful enjoyment of one's possessions does not amount to a deprivation, it must next be determined whether it constitutes a control of the use of property. {Temporary seizures do not amount to deprivation of property though they may constitute controls on the use of property seized. (Handyside vs UK 1976).}*

*In accordance with the third rule, a control on the use of property will be justified under the Protocol if it is lawful; if it has a legitimate aim ie either if it is in accordance with the general interest or if it aims at securing the payment of*

*taxes or other contributions or penalties; and if it is deemed necessary by the State.*

*In the older cases the Court supervised only the lawfulness and purpose (if legitimate) of the restriction. More recently, there is examination of the proportionality of the measures applied. (Agosi vs UK). In "The National and Provincial Building Society vs UK", the Court held that:*

*"An interference.. must strike a 'fair balance' between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's rights… There must be a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aims pursued".*

*Once lawfulness is established, the legitimate aim and fair balance tests are applied.*

*There are therefore three tests for each rule of this article.*

*Lawfulness -*
*Legitimate aim - (general interest - necessity).*
*Fair balance test*

*Deprivation of property and the control of its use are only particular instances of interference with the right to peaceful enjoyment of one's possessions. The Court has recognised that Article 1 protects from forms of interference which fall* ***within neither rule.*** *The Convention institutions have examined first whether the measure in question falls within one of the specific rules and, if not, whether it nonetheless constitutes and interference with the applicant's property.*

**Tikkunsidra**

Fil-kaz in ezami l-Qorti ma tistax tghid li r-rikorrent gie deprivat mill-proprjeta' tieghu kompletament meta kien qed isir ix-xoghol ta' inventarjar billi kien baqghalu l-uzu tal-kumplament tal-post tieghu u sakemm sar dan l-

inventarjar ta’ l-atti kien hemm biss “*temporary seizure*” tal-proprjeta’. Izda wara li spicca dan ix-xoghol il-kamra regghet giet imsakkra u r-rikorrent ma nghatax lura c-cwievet taghha u ma kellux access ghaliha. Illi minn dan l-istadju l-quddiem ir-rikorrent kien qed jigi deprivat mill-proprjeta’ tieghu minghajr raguni valida. Ir-raguni li ngabet, cjoe li kien hemm xi nuqqas ta’ qbil fuq il-proprjeta’ ta’ xi mobbli, ma kienitx raguni valida biex ir-rikorrent jigi deprivat indefinittivament mill-proprjeta’ tieghu. Il-Qorti Nutarili qed tghid li issa m’ghandiex gurisdizzjoni fuq dina l-kwistjoni.

Ghalhekk ghalkemm ma kienx hemm ‘*deprivation*” definittiva tal-possediment tar-rikorrent, meta kien qed isir l-inventarjar, l-Qorti trid tara wkoll jekk il-kontroll ta’ l-uzu tal-proprjeta’, kif qed jippretendi l-intimat li kien hemm, kienx legali u legittimu.

Meta l-Qorti kkonsidrat dana l-aspett taht il-konsiderazzjonijiet dwar xoghol sfurzat, sabet li l-ordni tal-Qorti kienet legali u legittima u l-istess ragunijiet u konsiderazzjonijiet li saru taht dak l-aspett ghandhom ighoddu wkoll ghall l-ilment li issa qed jigi kunsidrat.

Li jifdal li jigi kkunsidrat hu jekk kienx hemm *fair balance* bejn *the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual’s rights* meta l-Qorti ta’ Revizjoni tat l-ordni biex l-kamra tar-rikorrent tintuza ghall-iskop li intuzat u bil-mod kif intuzat.

Il-Qorti, wara li ezaminat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tasal ukoll ghall-konkluzzjoni li fil-kontroll ta’ l-uzu tal-proprjeta’ tar-rikorrent meta kien qed isir inventarjar ma nzammx *fair balance*.

Fil-fatt fil-kaz in ezami, apparti dak li ntqal dwar kif ir-rikorrent gie mgieghel jaghmel xoghol sfurzat, il-possibilita’ li r-rikorrent jezercita d-drittijiet tieghu bhala proprjetarju fuq il-kamra, u anke l-possibilita’ li huwa juza jew b’ xi mod iehor jiddisponi minn dina l-proprjeta’, gie ridott sew.

Ghalkemm il-mizuri li ttiehdu f’dan il-kaz biex isir l-inventarjar kienu legali u legittimi fl-interess pubbliku, ma kienx hemm fair balance, billi ntefa piz eccessiv u oneruz fuq ir-rikorrent, u dana kemm ghax ir-rikorrent gie deprivat mill-uzu tal-proprjeta’ tieghu, kif ukoll ghax dan ix-xoghol setgha jsir post iehor.  Inoltre r-rikorrent kellu jghaddi minghajr il-proprjeta’ tieghu u l-uzu taghha ghall-perjodu twil u dana bla ebda hjiel li  ser imissu xi kompensazzjoni. Kwantu ghall-posizzjoni attwali fejn il-post baqa’ msakkar indefinittivament il-kontroll ta’ l-uzu huwa inqas gustifikat.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi:

Tiddikjara li d-digriet tal-Qorti tar-Revizjoni tal-Atti Nutarili jivjola d-drittijiet tar-rikorrent salvagwardjati mill-Artikolu 35 u 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u ta’ l-artikolu 4  tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 1 tal Protocol 1;

U tordna li l-kamra u l-bieb taghha jergghu jitqieghdu fi stat pristinu taghhom u jinghataw lura lir-rikorrent;

u tordna li r-rikorrent jinghata kumpens ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500).

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------